

Brussell, 4 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14364/22

SOC 598
EMPL 409
GENDER 177

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Fatra tas-Sa Milda JANEIKAITĒ, membru supplenti għal-Litwanja, minflok is-Sa Greta TUMĒNIENĒ, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Greta TUMĒNIENĒ bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal-Litwanja).
2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006¹ jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin.

¹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenza b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.
4. Il-Gvern tal-Litwanja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieġu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025:

Is-Sa Milda JANEIKAITĒ
Advisor for Equal Opportunities, Equality between women and men group
Ministry of Social Security and Labour
A. Vivulskio st. 11
LT-03610 Vilnius
Tel.: + 370 660 42045
indirizz elettroniku: milda.janeikaite@socmin.lt

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
li tissostitwixxi membru supplenti
tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew
għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi², u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022³ il-Kunsill ħatar, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Greta TUMÉNIENÉ sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-Gvern tal-Litwanja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

³ ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

Artikolu 1

Is-Sa Milda JANEIKAITÈ hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Greta TUMÈNIENÈ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President